MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1308/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Reuben Cini (K.I. 122375M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' sitt mija hamsa u hamsin ewro w erbgha u disghin centezmi (€655.94) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru (AC10129543) skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati Dok IZY 1 u 2.

Illi l-konvenut nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, izda l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Ra li gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------